MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1145/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**DANIEL DESMOND BORG**

**GRAEME AGIUS**

**JOSEPH BARBARA**

**DAIKON DESMOND BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DANIEL DESMOND BORG** ta’ 18-il sena, iben mhux maghruf u Giovanna nee’ Borg, imwieled Pieta’ fil-10 ta' Jannar, 1990 u residenti Blk H, Flt 14, Triq Lellux, St Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 54990(M)

u

**GRAEME AGIUS** ta’ 17-il sena iben John u Maria Assunta nee’ Abela, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ April, 1991 u residenti Blk B, Flt 22, Independence Flats, Triq Maria De Domenicis, St Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 202491(M)

u

**JOSEPH BARBARA** ta’ 17-il sena iben Joseph u Antonia Spiteri nee’ Gauci, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Dicembru, 1990 u residenti 53, Maria Allunzjata, Triq Bir Gheliem, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' numru 36291(M)

u

**DAIKON DESMOND BORG** ta' 16-il sena iben mhux maghruf u Jane nee' Borg, imwieled Pieta' fil-1 ta' Frar, 1992 u residenti Blk H, Flt 14, Triq Lellux, St Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 92192(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli:

Fl-10 ta' Novembru, 2008, gewwa ghall-habta ta' 10pm u hinijiet wara fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa kkagunaw ferita ta' natura gravissima billi gabu debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' YalcinSammut minn Hal-Luqa, skond ma ccertifika t-tabib Dr Tracy Lee Azzopardi Reg No 3072 mill-Isptar Mater Dei.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kkagunaw ferita ta' natura gravissima billi gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-persuna ta' Yalcin Sammut minn Hal Luqa, skond ma ccertifika t-tabib Dr Tracy Lee Azzopardi Reg No 3072 mill-isptar Mater Dei.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kkagunaw ferita ta' natura gravi li setghat gabet periklu tal-hajja u li gabet marda tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed fuq il-persuna ta' YalcinSammut minn Hal-Luqa skond ma ccertifika t-tabib Dr Tracy Lee Azzopardi Reg No 3072 mill-Isptar Mater Dei.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi uzaw arma rregolari fuq il-persuna ta' Yalcin Sammut minn Hal-Luqa.

Akkuzati ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Yalcin Sammut minn Hal-Luqa u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati a fol. 2, 3, 4 u 5 rispettivament u l-fedina penali tal-imputati a fol. 6, 7, 8 u 9 rispettivament tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-29 ta' Ottubru, 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 140).

Rat illi l-Artikoli gew moqrija fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru, 2009 u l-imputati dakinhar stess seduta stante ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar id-9 ta' Dicembru, 2008 xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** u spjega li kien gie nfurmat fl-10 ta' Novembru 2008 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija minn certu Joseph Schembri ID card number 548291 li kien ghamel rapport l-Ghassa ta' Hal-Luqa fejn kien qal li ftit hinijiet qabel ghall-habta tal-ghaxra kien ircieva telefonata anonima minghand persuna fejn qallu biex jiltaqghu fejn is-CBR Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa Hal-Luqa biex jissetiljaw xi affarijiet rigward xi glieda. Dana Joseph kien accetta u flimkien ma' shabu marru fuq il-post Hal-Luqa. Zewgt irgiel b' Toyota kienu marru fuq il-post u meta ltaqghu maghhom gew xi *guy* ta' ghoxrin ruh jigru warajhom. Meta raw hekk Joseph u shabu harbu jigru minn fuq il-post. Pero' Yalcin Sammut siehbu ta' sittax –il sena li hu daqsxejn qawwi, nqata lura u dawn it-tfal infexxew fih u bdew ituh b' hadid, tawh bis-sieq kif ukoll sawtuh u hallewh mal-art. Infatti Yalcin gie certifikat mill-isptar Mater Dei mit-tabiba Dr Tracey Lee Azzopardi li kien sofra minn ferita ta' natura gravi. Yalcin gie riferut ukoll il-*ward* M5. Sieheb il-*complainant* kienu certu Kenneth Cauchi u Kurt Scrofna.

Fil-11 ta' Novembru 2008 huwa baghat ghall-kwerelant, u mill-investigazzjonijiet li ghamlu rrizuilta li t-telefonata originali kienet saret minn fuq *mobile number* 79992861 u dan ghall-habta tal-ghaxra u zewg minuti. Joseph Schembri l-kwerelant, iddikjara mieghu li din kienet bhala tpattija rigward xi glieda li kienet grat Paceville l-gimgha ta' qabel u fejn certu persuna maghrufa bil-laqam ta' Ciniz minn Santa Lucija kien qala' xebgha. Huwa kien baghat ghas-*subscriber* li kien certu Melvin Agius dakinhar stess fejn dan Agius

iddikjara li kien hu li cempel lil Joseph Schembri bl-intenzjoni sabiex jirrangaw is-sitwazzjoni wara li huh Graham kien invout fi glieda.

Minn hemmhekk 'l quddiem ma jafx iktar x' gara ghax kienu marru shab huh u hu ma jafx x'gara.

Huwa kien kellem ukoll liz-zewgt itfal li kienu prezenti shab Yalcin fejn dawn qaluli li ma jafux min sawwat lil sehibhom Yalcin. Huwa baghat ghal Graeme Agius fejn dan gie investigat minnu u fil-kors ta' din l-investigazzjoni rrilaxxa stqarrija fejn iddikjara li hu u shabu ddecidew li jiltaqghu ma' Joseph Schembri u shabu f' dan il-post ta' Hal-Luqa. Spejga li Graeme flimkien ma' shabu Daniel, Daikon u Chris grew warajhom.

Wiehed minn dawn minn shabu taha xi daqqa lil Daniel u lil Daikon b' xi hadida.  Pero' mbaghad grew minn fuq il-post. Pero' Graeme ammetta mieghu fl-istqarrija li rrilaxxja li kien taha bis-sieq lil Yalcin, tefghu mal-art, qabad hadida minn mal-art, dawk li hallew shab l-ohrajn u beda jtih fuq l-istonku tieghu.  F' dak il-mument Daniel kellu hadida f' idejh u beda jsawwat ukoll lil Yalcin.  Daikon u iehor minn Rahal Gdid sawtu lil Yalcin b'idejhom kif ukoll tawh bis-sieq.  Abbazi ta' dan il-verzjoni huwa arresta lil Graeme u kien kellem ukoll lill-vittma dakinhar stess filghaxija fil-*ward* M5.  Spjega li l-vittma kellu *injuries* f' wiccu, kellu feriti f' wiccu, f' ghajnu x-xellugija meta rah

gewwa l-*ward*. Jghid ukoll li gie muri xi ritratti izda ma seta’ jaghraf lil hadd.

Daniel Desmond Borg u huh Daikon Desmond Borg gew arrestati dakinhar filghaxija ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghaxija fejn fit-12 ta’ Novembru rrillaxxjaw stqarrija, Daniel irrilaxxa stqarrija fejn ammetta li kien taha b’ xi *squeezer* fuq l-imsemmi Yalcin.  Meta ra hekk Daniel ipprova jiddefendi wkoll lil huh u sema’ wkoll li Graeme kien fuq il-post ukoll.  Daniel ammetta mieghu li kien tah b’ xi *squeezer* tal-Vileda fejn laqtu fuq saqajh u fuq genbu.  Huwa nvestiga wkoll lil Daikon fit-12 ta’ Novembru. Ammetta wkoll li taha bis-sieq fuq dahar Yalcin kif ukoll ippuncjah fuq dahru.  Dana ddikjara wkoll li huh kellu veru dik l-isqueezer f’ idejh.  Spjega ukoll li fuq il-post kien hemm Graeme Agius kif ukoll persuna ohra mgharufa bhala l-Bomber minn Santa Lucija li sal-lum ghadu ma jafx minn hu u b’ referenza wkoll ghall-istqarrija Daikon spjega kif hallew lil Yalcin fuq il-post u semghuh jghid qieghed nistordi u mhux qed nara. Daikon ammetta mieghu li kif telaq kulhadd mar mesahlu wiccu bil-gakketta u ramiha fl-iskip.

Huwa nvestiga ukoll lill-imputat Joseph Barbara fit-13 ta’ Novembru. Dan Barbara spjegalu kif Daniel u Daikon akkumpanjawh flimkien ma’ xi nies ohra minn Santa Lucija u qabdu lil Yalcin. Ammetta wkoll li taha bis-sieq u bil-ponn lil Yalcin pero’ nnega li ta bil-hadida li kellu

f'idejh. Spjega li veru kellu hadida f' idejh izda Daniel hadhielu minn idejh u beda jaghti lil Yalcin fuq wiccu u fuq dahru.

Spjega wkoll kif Daikon tah fuq wiccu, *struck him in his face*. Spjega li Daikon taha ukoll fuq wicc Yalcin. Meta gie muri xi ritratti huwa indika lil Graeme bhala l-persuna li kien prezenti waqt il-glieda u li sawwat ukoll lil Yalcin pero' stqarr li ma kellu xejn f' idejh. Ma dana kollu naqas li jispjega minn hu l-persuna maghrufa bhala l- Bomber, li mill-investigazzjoni li ghamillu setgha kien involut fl-incident.

Huwa anke investiga lill-vittma fis-16 ta' Novembru, 2008 u ffotografah tramite s-servizz ta' PS 122 Arthur Borg.

Yalcin il-vittma gie ukoll muri r-ritratti fejn hemm inkluz wiehed mill-imputati u huwa gharaf biss lil Graeme bhala l-persuna li kien prezenti fuq il-post u semghu jghid biss issa bizzejjed. Pero' l-vittma ma kienx kapaci jaghraf jew jindika min huma l-persuni li bdew isawtuh.

Dawn l-imputati kienu nghataw ukoll *Police Bail* ghall-20 ta' Novembru peress li kien ghad hemm investigazzjoni ghaddejja. Fejn in segwitu regghu gew investigati, ttiehdulhom anke stqarrijiet pero' ma rrizulta xejn aktar, ma gew imsemmijin xejn aktar persuni u ghalhekk kienu tressqu bl-arrest l-ghada fil-21 ta' Novembru, 2008.

Esebixxa rapport tal-Pulizija li gie mmarkat bhala dok PSN 1, stqarrija li giet immarkata bhala dokument PSN 2 rilaxxjata minn Daniel Desmond Borg datata 12 ta’ Novembru 3:45pm, stqarrija ohra mmarkata bhala dok PSN 3 rilaxxjata minn Daniel Desmond Borg datata 20 ta’ Novembru 2008, stqarrija ohra li giet immarkata bhala dokument PSN 4 rilaxxjata minn Graeme Agius datata 11 ta’ Novembru, 2008 , stqarrija mmarkata bhala dok PSN 5 rilaxxjata minn Graeme Agius datata 20 ta’ Novembru, 2008, stqarrija mmarkata bhala dokument PSN 6 rilaxxjata minn Daikon Desmond Borg datata 12 ta’ Novembru, 2008, stqarrija mmarkata bhala dokument PSN 7 rilaxxjata minn Daikon Desmond Borg datata 20 ta’ Novembru, 2008, stqarrija mmarkata bhala dokument PSN 8 datata 13 ta’ Novembru, 2008 rilaxxjata minn Joseph Barbara, stqarrija ohra mmarkata bhala document PSN 9 rilaxxjata minn Joseph Barbara datata 20 ta’ Novembru, 2008, certifikat mediku mmarkat bhala dokument PSN mahrug minn Dr Tracey Lee Azzopardi.

Esebixxa wkoll kopja ta’ ritratti li tah missier Yalcin Sammut li gew immarkati bhala dokkument PA 1 sa PA 10. Spjega ukoll li huma ma marrux jelevaw il-gakketta li kien semma’ Daikon fl istqarrija tieghu stante li kien gja ghadda certu zmien.

Illi nhar l-24 ta’ Marzu, 2009 xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** u spjega li qieghed jesebixxi sett ta' seba' (7) ritratti li qeghdin jigu

rispettivament immarkati bhala minn AB 1 sa AB 7. Dawn huma ritratti bil-kulur, li ttiehdu minn PC 122 Alfio Borg fis-16 ta' Novembru, 2008 spjega li dawn ittiehdu fl-ufficcju tieghu u spjega illi huwa kien prezenti ghat-tehid ta' dawn ir-ritratti.

Illi nhar it-13 ta' Jannar, 2009 xehed **Joseph Schembri** u spjega li ghandu sbatax (17)-il sena. Spjega illi fl-10 ta' Novembru, 2008 huwa kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Luqa fejn ikkonferma li kien ircieva telefonata dakinhar stess minn persuna li kien ta' sess maskili u dan kien qallu: "*ejjew ha nirrangaw l-affarijiet bejnietna*." Huwa staqsa min kien dan u dan ma riedx jghidlu min kien li kien qed ikellmu fuq it-telephone u huwa accetta li jiltaqghu. Huma ftiehemu li jiltaqghu dakinhar stess hdejn is-CBR Hal Luqa. Il-ftehim kien li kellhom jiltaqghu ghal xi l-ghaxra (10.00) ta' filghaxija.

Ghal dan il-meeting marru hu, Yalcin Sammut, Kurt Scorfna u Kenneth Cauchi u spjega illi fuq il-post sabu fost nies ohra wiehed mill-imputati li ndikah fl-Awla bhala l-imputat Graeme Agius. Flimkien ma' hu Graeme Agius kien hemm guvni iehor u spjega illi hu l-imputat Graeme Agius nizel mill-karozza b'hadida f'idu. Nizel ukoll mill-karozza dan il-guvni l-iehor. Dan il-guvni l-iehor qalilna: "*ha nirrangaw l-affarijiet qisu ma nqala' xejn*." Huma qalulu: "*all right*." U sadanittant gew grupp ta' zaghzagh bil-hadid f'idejhom. Huma x'hin rawhom gejjin ghalihom harbu jigru. Spjega dawk li gew bil-hadid f'idejhom kienu guvintur, fosthom ra lill-imputat Graeme Agius li dan

kien qieghed jigri ma’ dan il-grupp li kienu gejjin fid-direzzjoni taghhom pero’ ma jafx jekk dan Graeme Agius kellux hadida f’idejh jew le.

Huma mbaghad harbu jigru. Huma kollha harbu f’daqqa. Spjega illi pero’ Yalcin Sammut ghadda minn triq u huma baqghu sejrin dritti. F’hin minnhom, uhud minn dawn iz-zaghzagh li kienu qeghdin jigru warajhom waddbu xi hadid pero’ mbaghad ma rahomx iktar. U hawnhekk xtaq jerga’ jghid li effettivament dan Yalcin Sammut kien ha triq ohra, cioe’ allura triq differenti mill-bqija tal-grupp li kienu.

Zied jghid illi ftit wara huma cemplu lil Yalcin Sammut fuq il-*mobile phone* u staqsieh fejn kien qieghed u spjegalu li kienu daruh u li kien qieghed fi stat hazin. Imbaghad spjega illi f’nofs it-triq il-grupp taghhom iltaqa’ ma’ dan Yalcin Sammut u flimkien marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Spjega illi huwa ma kienx ra lil hadd jaghti lil Yalcin Sammut ghaliex huwa flimkien ma’ shabu ohrajn kienu qabdu triq ohra. Huwa jaf li l-imputat Graeme Agius ghandu laqam u maghruf bhala c-Ciniz. Fil-fatt spjega li huwa dan Graeme Agius jafu bhala c-Ciniz iz-zghir.

Huwa kkonferma illi l-incident fejn kien gie msawwat Yalcin Sammut huwa ma rahx. In kwantu ghat-telefonata li rcieva, ikkonferma li

huwa l-persuna li kellmu ta' sess maskil ma gharfux pero' jaf li r-referenza tal-incident kienet ghall-incident li darba kellhom qabel gewwa Paceville.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2009 xehed **Dr. Mario Scerri M. D.** u spjega li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-13 ta' Jannar, 2009 sabiex jezamina lil Yalcin Sammut u huwa in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu kien ezaminah u seduta stante huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet esebita u mmarkata bhala Dok. MSD 1 (fol. 86).

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li huwa kien ezamina lil Yalcin Sammut nhar id-29 ta' Frar, 2009 u kkonkluda li c-cikkatrici li ghandu taht l-ghajn ix-xellugija hija rizultat ta' *blunt trauma* u tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc u hija vizibbli minn *walking distance.* Spjega li l-kataretta deskritta fuq l-ghajn ix-xellugija hija *traumatic cataract* u kkaguanta minn daqqa qawwija fuq l-ghajn u din ukoll hija kundizzjoni ta' natura gravi u twassal ghan-nuqqas ta' vista fl-ghajn ix-xellugija.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2009 xehed **Kurt Scorfna** u spjega li f'Novembru, 2008 huwa flimkien ma' shabu Joseph u Kenneth kienu qeghdin Hal Luqa u kkonferma illi xi hadd beda jcempel fuq il-*mobile* ta' Joseph Schembri. Spjega li l-persuna kienet qed tkellmu dwar l- incident fejn kellhom xi jghidu s-Sibt ta' qabel gewwa Paceville u din il-persuna

bdiet tghidlu sabiex jiltaqghu u jaghmlu hbieb halli ma jibqghux jiggieldu. Spjega illi huwa kellem lil Yalcin Sammut li kellu x'jaqsam maghhom is-Sibt u spjega illi qalulhom biex jiltaqghu quddiem is-CBR Hal Luqa.

Kienu hu, Joseph Kenneth u Yalcin li marru ghal dan l-appuntament. X'hin waslu hemmhekk, giet karozza. Kienet karozza tal-marka Toyota kulur abjad u nizlu zewg min nies minn din il-karozza. Wiehed minnhom kellu hadida f'idu u dawn bdew jghidulhom biex jaghmlu hbieb. Spjega li f'dina l-Awla ma hemm hadd minn dawn iz-zewg min nies li nizlu mill-karozza. Ftit hin wara, gew grupp ta' zaghzagh kollha hadid u fliexken. Huma harbu jigru. Dan il-grupp beda jwaddab hadid u fliexken lejhom. Imbaghad telghu 'l fuq. Spicca li lil shabu ma rahomx aktar. Imbaghad mexa ftit il-fuq u ltaqa' ma' tnejn (2) ohra minn shabu u cioe' Joseph u Kenneth pero' lil Yalcin ma rahx. Ftit wara Yalcin cempel fuq il-*mobile* ta' Joseph u qallu li kien qala' xeba. Huma nizlu l-isfel biex isibu lil dan Jarkin. Huma sabuh, dan kien miksi kollu demm u baqghu tilghin l-Ghassa dak il-hin. Fil-fatt marru l-Ghassa ta' Hal Luqa jaghmlu rapport. Yalcin mar maghhom. Il-Pulizija cemplet l-ambulanza. Hadu l-*particulars* taghhom u mbaghad marru d-dar. L-ghada marru l-Pulizija d-dar u marru l-Ghassa. Spjega illi in kwantu ta' meta sehh l-incident, huwa ma kienx ra lil hadd jaghti lil Yalcin. Spjega illi mill-persuni li hemm prezenti fl-Awla, gharaf lil wiehed li jafu bhala c-Ciniz li gie nfurmat li huwa Graeme Agius. Dana huwa kien rah mal-grupp x'hin bdew iwaddbu l-fliexken u l-hadid.

Dak il-hin ma rax jekk dan Graeme Agius kienx qieghed iwaddab xi flieken jew xi hadid. Li jaf li kien qieghed ma' dan il-grupp.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2009 xehed **Kenneth Cauchi** u spjega li kienet il-gurnata tat-Tnejn li kien ix-xahar ta' Novembru, 2008 u kienu hu Joseph Schembri u Kurt Scorfna. Spjega illi Joseph beda jircievi telefonati fuq il-*mobile* tieghu u dawn bdew jghidulu biex jiltaqghu ha jaghmlu hbieb. Dan ghaliex qabel kienu ggieldu. Kienu ggieldu ma' xi grupp ta' zaghzagh gewwa Paceville. U gie miftiehem li huma jiltaqghu bejn Santa Lucija u Hal Luqa. Kellhom jiltaqghu quddiem is-CBR. Spjega mbaghad li huma dakinhar stess marru ghal dan l-appuntament u fuq il-post giet vettura ta' kulur abjad, Toyota Tercel, u minnha nizlu tnejn min nies, wiehed li jafuh bhala c-Ciniz il-kbir u kien hemm iehor wiehed qasir. Ic-Ciniz il-kbir kellu hadida f'idu. Ta deskrizzjoni tal persuna l-ohra li kien hemm u cioe' stqarr li kien wiehed qasir u dan beda jirraguna biex huma jirrangaw u mbaghad f'daqqa wahda qabzu xeba nies minn wara c-cint bil-hadid f'idejhom u qal li dawn bdew igaraw il-hadid. X'hin raw hekk, huwa u shabu harbu minn hemm. Spjega illi guvni qasir li kien hareg mill-karozza beda jzomm lil dawn l-ohrajn. Huma x'hin raw hekk telqu jigru.

Spjega illi huwa ma gharaf lil hadd fl-Awla li kienu f'dan il-grupp ta' zaghzagh li bdew iwadbulhom il-hadid. Spjega illi huwa, Joseph Schembri u Kurt Scorfna telqu ghal triq partikolari u spjega li Yalcin Sammut kien telaq ghal triq ohra. Imbaghad hin minnhom Yalcin Sammut kien cempel lil wiehed minnhom li ma jiftakarx min kien.

Spjega li Joseph li allura jidhirlu li kien hu li rcieva t-telefonata qalilhom li  kien ghadu kif gie nfurmat li Yalcin  kien qala' xebgha u dan ukoll qalilhom fejn kien qieghed. Huma marru jfittxu lil Yalcin  u sabuh. Innota li Yalcin  kellu ghajnejh minfuha u kellu d-demm fuqu. X'hin rawh qabduh u baqghu sejrin l-Ghassa ta' Hal Luqa u mbaghad sar rapport lill-Pulizija.

Qed jigi mistoqsi jekk kemm-il darba rax lil xi hadd minn dawk li qabzu mic-cint bil-hadid f'idejhom, hux qed jaghraf lil xi hadd minnhom fl-Awla spjega illi ma hu qed jaghraf lil hadd.

Illi nhar l-24 ta' Marzu, 2009 xehed **Yalcin Sammut** u spjega illi huwa ghandu  sbatax-il  sena. Spjega illi fl-10 ta' Novembru, 2008 waqt li kien qieghed id-dar tieghu cempillu l-habib tieghu Kurt u qallu biex imorru jaghmlu hbieb ma' grupp ta' zghazagh illi kellhom xi jghidu maghhom ftit ta' granet qabel gewwa Paceville. Fil-fatt huwa accetta li jmur u mar flimkien ma' shabu  Kurt, Joseph u Kenneth fejn is-CBR.

Waqt li kien fuq il-post giet vettura tal-ghamla Tercel ta' kulur abjad u minnha nizlu zewg (2) persuni ta' sess maskil. Spjega li wiehed minnhom li huwa t-twil jghidulu c-Ciniz u l-iehor ma kienx jafu. Bdew jitkellmu maghhom u qalulhom li ma kienux hemm ghall-glied. Innota illi c-Ciniz kellu hadida f'idu. Imbaghad raw li kienu gejjin hafna nies irrabjati u f'idejhom kellhom xi hadid. Kif raw hekk telqu jigru. Dawn gew min naha tar-*roundabout*. Spjega li huwa gharaf fost l-imputati,

wiehed minnhom li kien fost dan il-grupp ta' nies li bdew jigru ghalihom.

Huma mbaghad komplew jigru lil hemm minnhom u sema' lil xi hadd minn dawn in-nies jghajjat noqtluhom. Spjega li nqata' minn shabu l-ohra u beda jigri ghalilh wahdu. Dawn in-nies bdew jigru warajh u xi hadd minnhom waddablu hadida. Laqtu fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Imbaghad qabduh u kollha kemm huma bdew ituh. Fost dawk li bdew ituh, gharaf fost l-imputati, wiehed mill-imputati li ndikah bhala c-Ciniz Graeme Agius.

Jghid li fil-grupp kien hemm xi ghoxrin (20) persuna, kollha ta' sess maskil. Lilu waqqghuh mal-art u baqqghu jaghtuh. Spjega dawn id-daqqiet li bdew ituh u jghid li laqtuh f'ghajnejh ix-xellugija. Kellu diversi dbengil minhabba d-daqqiet li qala', fuq in-naha tax-xellug ta' rasu. Spjega illi kellu dbengil kwazi mal-partijiet ta' gismu kollu. Spjega illi beda jigi msawwat bil-hadid u gie moghti daqqiet ta' sieq. Xi hadd minnhom imbaghad qal daqshekk. Spjega illi, imbaghad telqu salv ghal persuna wahda li daret fuqu u qaltlu , *all right gbin*, u mbaghad tah daqqa ta' sieq. Ma jiftakarx ezatt fejn laqtu dan. Imbaghad cempel lil siehbu Joseph Schembri u marru l-Ghassa biex jaghmlu r-rapport.

Ikkonferma li l-imputat Graeme Agius beda jtih b'hadida. Imbaghad wara li mar l-Ghassa, gie mehud l-isptar b'ambulanza.

Muri sett ta' seba' (7) ritratti bil-kulur immarkati minn AB 1 sa AB 7 u gharaf lil Greme Agius u kkonferma l-feriti li jidhru li huwa soffra rigwardanti dan l-incident. Spjega illi wkoll, kellhom isirulu punti kemm fuq rasu, kemm taht ghajnejh ix-xellugija. Spjega illi, huwa ghadu sal-lum ma jistax jara sew minn ghajnejh ix-xellugija. Qieghed imur l-isptar, kull xi erba' (4) gimghat ghall-kura f'ghajnejh.

Xtaq jghid ukoll, peress illi huwa spicca illi kellu imniehru naqra mghaffeg b'dan l-incident illi huwa spicca kellu jigi operat f'imniehru. Spjega illi, inkwantu ghal ghajnejh, it-tobba qalulu jrid jibqa' jmur l-isptar ghall-kura u li ghajnejh mhux ser terga' tigi kif kienet qabel.

Illi nhar it-28 ta’ April, 2009 xehed **Dr. Jonathan Cutajar MD** u spjega li b’ referenza ghall-pazjent Yalcin Sammut huwa kien rah gewwa s-sala fl-isptar Mater Dei u precizament kien rah l-ghada li huwa kien gie ammess l-isptar. Hu kien dahal fl-10 ta’ Novembru, 2008. Kienu rawh l-ewwel darba l-ghada l-11 ta’ Novembru, 2008. Spjega illi l-pazjent li semma’ meta kien dahal kien allega li hu kien qala xebgha u daqqiet minn xi 20 persuna li kienu aggredewh u li kien ukoll issawwat b’ hadida. Spjega li meta dahal hu l-isptar huwa kellu ugiegh ta’ ras u kien imdardar u kien qieghed jirremetti. Huwa kellu ugiegh f’idejh ix-xellugija u kellu numru ta’ griehi li huma elenkati fil-*case summary* li esebixxa bhala dok JCM 1. Il-maggoranza ta’ dawn il-griehi kienu brix u feriti superficjali. Spjega illi kienu hadulu CT ta’ rasu, ta’ sidru u ta’ jdejh pero’ ma rrizultax li kien hemm ksur. Spjega

li kienu hadulu ukoll *X Ray* ta' wiccu u fuq naha minnhom kien hemm livell ta' ilma.

Huma ma setghux jezaminawlu ghajnejh mill-ewwel ghaliex kellu ghajnu illi kienet minfuha mhux hazin. Spjega illi ezamina n-nerveturi ta' wicc Yalcin Sammut u sab li kienu normali. Li kien hemm kien hemm xi demm fl-abjad tal-ghajn u hawn qed jirreferi ghall-ghajn tax-xellug. Spjega li fl-istess ghajn li semma' kien hemm demm fl-abjad tal-ghajn u l-habba ta' din l-ghajn kienet il-hin kollu miftuha minhabba t-*trauma*.

Ghaldaqstant il-pazjent inzamm l-ewwel 24 siegha l-isptar ghall-osservazzjoni u mbaghad inzamm f'total ta' tliet ijiem l-isptar inkluza l-ewwel 24 siegha tal-osservazzjoni minhabba l-kundizzjoni t'ghajnejh. Spjega illi mbaghad kien hemm *follow up* mill-Ophthalmics u mill-ENT. Il-pazjent kien gie *discharged* mill-isptar fit-13 ta' Novembru, 2008. L-ghada kellhom jarawh l-Ophthalmics bhala *out patient* imbaghad kien hemm tal-ENT li kellhom jarawh hamest ijiem wara li kien gie *discharged*. Huwa l-parti tieghu kienet in kwantu ghal dak li ghandu x' jaqsam *surgery* u spjega illi huma mill-osservazzjonijiet li ghamlu raw li ma kienx hemm il-htiega li jkun hemm *surgery*. Xtaq izid jghid li aktar tard kien deher xi ksur f'imnieher l-imsemmi Sammut u fl-20 ta' Novembru, 2008, huwa gie trattat ghal dan il-ksur fl-imnieher. Spjega illi in kwantu ghall-ksur tal-imnieher kien sar intervent kirurgiku li huwa *day Surgery*.

Huwa esebixxa d-dokumenti li gew immarkati bhala dok JCM 1 li huwa *case summary* ghalkemm m'hemm indikat xejn dwar dan l-intervent tal-ksur fl-imnieher u dan ghaliex saru jafu b'dan il-ksur tal-imnieher wara li kienet gja ntbaghtet il-*case summary* u *discharge letter* tieghu.

Spjega li qabel ma kien gie ammess l-isptar Mater Dei Yalcin ma kien qed ibaghti minn xejn. Fil-fatt jirrizulta li dana kien l-ewwel darba li kien gie ammess l-isptar.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2009 xehed **PC122 Arthur Borg** u kkonferma li kien hu li gibed is-sett ritratti ta' esebiti a fol. 99 tal-Process u dana fil-Paola *Police Station* liema rittrati jghid li huma ta' Yalcin Sammut. Spjega ukoll li fuq l-*envelope* fejn hemm dawn ir-ritratti hemm il-firma tieghu filwaqt li gharaf il-firma tieghu fuq kull ritratt. Spjega li kien gie mitlub jiehu dawn ir-ritratti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Spiridione Zammit.

Illi nhar id-29 ta' Settembru, 2009 xehed **Dr. Franco Mercieca MD** fil-kapacita' tieghu ta' Oftalmologu. Spjega li huwa l-ewwel darba li kien ra lil Yalcin Sammut kien f'Novembru, 2008, u dan gewwa l-isptar Mater Dei. Il-pazjent kien dahal b'emergenza u huwa rah l-ghada filghodu. Spjega illi dana l-pazjent ghandu hsara estensiva f'ghajnejh u precizament f'ghajnejh ix-xellugija. Ikkonferma illi kien sofra *blunt injury* u allura l-ghajn inghafset u saret hafna hsara fiha u spjega illi

ghandu qsim fuq in-naha tal-ghajn li jissejjah *choroidal rapture*, ghandu l-lenti dizlogata u ghandu l-kulur tal-*iris* maqluh minn postu. Il-vista tieghu hija limitata u huwa jara biss fil-gnub, fin-nofs ma jara xejn. Spjega illi din hija xi haga permanenti. Spjega huwa ghadu taht kura pero' ma tantx hemm x'jistghu jaghmlulu ghax sfortunatament hija xi haga rreparabbli. Spjega bhala kura li ghandu preskritt huwa li jaghmel xi ftit taqtir f'ghajnejh ghal fini biex tigi ridotta l-fjammazzjoni. Ghaldaqstant spjega in kwantu ghall-kura ohra ma hemm xejn x'jista' jsir ghaliex in-nerv gie *ruptured*. Spjega illi in kwantu tal-ghajn tal-lemin il-pazjent Sammut jara tajjeb minnha. Spjega in kwantu ghall-persentagg ta' dizabilita' in kwantu ghall-ghajn tax-xellug spjega dina fiha persentagg ta' madwar tmenin fil-mija (80%) dizabilita'. Spjega illi jekk il-pazjent Sammut jitlef l-ghajn it-tajba cioe' l-ghajn tal-lemin allura hu ma jkunx kapaci jaghmel l-ebda xoghol.

Muri d-dokument immarkat bhala Dok MS2 li jinsab gewwa r-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri liema relazzjoni hija esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. MSD1 u tinsab a fol. sitta u tmenin (86) tal-Process. Huwa kkonferma l-kontenut ta' dan id-dokument u jghid li huwa certifikat mediku rilaxxat minnu u kkonferma l-firma tieghu. In kwantu ghal *ten per cent* (10%) li huwa ta bhala dizabilita' li hija *permanent body disability* u precizament hija t-*total body treatment disability*. Jghid ukoll li hemm *forty per cent* (40%) permanent *disability* rigwardanti *visual disability*, disabilita' permanenti fuq l-ghajn tax-xellugija fl-ammont ta' tmenin fil-mija (80%).

Illi nhar id-19 ta’ Lulju, 2010 xehed **YalcinSammut** minn Hal Farrug u spjega li jaf lill-imputati bhala li huma minn Santa Lucija. Dakinhar tal-incident mertu ta' din il-kawza huwa kien qieghed id-dar, u kien cempillu wiehed minn shabu Kurt. Kien qallu li kienu cemplulhom biex jiltaqghu ma’ xi nies li kienu ggieldu qabel maghhom sabiex jaghmlu hbieb.

Spjega li meta kien inqala’ l-incident gewwa Paceville, huwa kien ma’ tlieta ohra. Spjega li fl-incident gewwa Paceville kienu nvoluti l-erba' imputati prezenti fl-Awla. Spjega illi l-imputati gewwa Paceville kellhom xi jghidu ma’ shabu u huwa kien mar jghin lil shabu. Spjega illi gewwa Paceville l-imputati kienu qabdu jaghtu lil shabu u huwa qabez ghal shabu, allura qabad jaghti wkoll lill-imputati. Gewwa Paceville ma kienx qala’ daqqiet ghalkemm kien ta’ xi daqqiet lill-imputati hu stess. Spjega li in kwantu l-incident ta' Paceville ma sarux rapporti lill-Pulizija. Spjega li Kurt kellu xi kuntatt ma’ dawn in-nies li kienu ggiedlu maghhom Paceville qabel ma kien ikkuntattja lilu. Il-ftehim kien li kellhom jiltaqghu Hal Luqa hdejn is-CBR. Spjega li Hal Luqa marru huwa flimkien ma’ tlieta minn shabu u cioe’ dawk li kienu nvoluti fl-incident ta' Paceville. Meta waslu fuq il-post bdew jitkellmu ma’ wiehed twil u iehor qasir u f’dan il-waqt li kienu qeghdin jitkellmu maghhom l-imputati ma kienux prezenti. Minn dawn it-tnejn illi semma’, innota li t-twil kellu hadida f'idu u huma telqu jigru. Imbaghad gie grupp ta’ zghazagh fosthom l-imputati u bdew jigru warajhom. Dawn bdew jigru ghal warajhom u mbaghad waddbulu

hadida u laqtuh f'rasu. Spjega li min tefaghlu l-hadida ma jafx, jaf li mbaghad huwa baqa' jigri, pero' imbaghad qabduh u kollha qabdu jtuh bil-hadida. Spjega illi lilu meta kien qieghed ma' l-art kien l-imputat Graham Agius li tah bil-hadida. Jghid li shabu l-ohrajn inkluz siehbu Kurt ghaddew minn triq ohra. Li gara kien illi huwa kien ghaddej minn triq meta harbu u l-ohrajn shabu kienu ghaddew minn triq ohra. Spjega illi jista' jkun li meta kienu qeghdin Paceville il-gimgha ta' qabel huwa kien ta xi daqqiet lill-imputati fosthom lil Graeme Agius. Spjega illi meta kien qed jigri u xi hadd waddablu l-hadida u laqtu fuq rasu huwa ma nstabatx ma' l-art imma baqa' jigri. Izda mbaghad baqa' jigri u l-ohrajn tal-grupp bdew jigru warajh u lahquh. Cahad dak li gie suggerit lilu li appena kienu waslu Hal Luqa u bdew jitkellmu maz-zewg persuni li kienu hemm huwa u shabu bdew jaghtu lil dawn iz-zewg persuni u ghalhekk mhux veru li l-grupp l-iehor hareg sabiex jiddefendi lil dawn iz-zewg persuni. Mistoqsi jekk meta marx Hal Luqa kellux hadida jghid li ma kellux u dwar jekk kellhomx l-ohrajn jghid li ma jafx. Jghid meta huwa kien qieghed ma' l-art u kien hemm dan il-grupp ta' xi ghoxrin li bdew ituh jghid ghalih kollha bdew ituh. Huwa ddentifika l-imputat Graeme Agius bhala wiehed mill-persuni li tawh meta kien mal-art.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri ezami kkonferma li f'idjeh u f'idejn shabu ma ra l-ebda hadida. Zied jghid li fil-hin illi huwa nnota illi l-persuna t-twila kellha hadida f'idejha hu telaq jigri. Dana ghaliex induna li ma kienx minnu li xtaqu jiltaqghu biex jaghmlu hbieb. Xtaq jghid li mbaghad hu u shabu x'hin telqu jigru raw grupp gej ghal

warajhom. Xtaq jghid li in kwantu ghal distanza minn mindu telaq jigri meta ra t-twil bil-hadida ghal meta nduna bil-grupp jigri warajhom spjega li bhala distanza hemm tul ta' qisu din l-Awla.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datata 21 ta April, 2014.

Illi fis-seduta tad-9 ta Mejju, 2014 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma' il-provi mill-gdid.

Illi nhar il-15 ta' Settembru 2014 dehru il-partijiet quddiem din il-Qorti u l-partijiet trattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri ghalkemm ilkoll irrilaxxjaw stqarrijiet li jinsabu esbiti f'dan il-process, liema stqarrijiet ilkoll jaghmlu prova fil-kofront ta' min irrilaxxjhom. Huwa minnu dak li stqarr Dr Martin Fenech ghan-nom tal-patrocinat tieghu Daniel Desmond Borg li dak li jghid il-ko akkuzat m' ghandux ikollu ebda effett fuq il-ko akkuzati l-ohra. Ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina dak li qal kull imputat fir-rigward tieghu biss.

Illi fis-seduta tal-14 ta’ Settembru, 2012 Dr. Toni Abela ghall-imputati Daniel Desond Borg u Daikon Desmond Borg kien iddikjara li *“l-istqarrijiet tal-imputati kienu gew irrilaxxjati bi ksur tal- ennunzjonijiet li saru minn dawn il-Qrati u dan ghaliex l-istqarrija ma kinitx munita b’avviz li kellhom id-dritt li qabel ma jirrilaxxjaw l-istqarrija jikkonsutlaw mal-avukat tal-ghazla taghhom u ghalhekk irriserva li jissolleva is-suespost fi stadju opportun*.” Illi pero’ jirrizutla li Dr. Toni Abela ma baqghax l- avukat difensur tal-imputati ahwa Borg u qatt ma saret xi referenza kostituzzjonali dwar dan l-ilment.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kinetx hi li ghexet il-process kollu tul il-medda ta' zmien u cioe’ hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma’ viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita’ u veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657** tal-Kap. 9 u cioe’ li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom

quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, kif traskritta fl-atti waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda waqt li ezaminat bir-reqqa ukoll l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati stante li kif kellhom kull dritt li jghazlu l-imputati ma xehdux .

Illi l-materja ta' *confessional statement*, fis-sistema legali Maltija, hija regolata bl-**Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali** li jghid testwalment hekk:

*"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub, kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarriha, kemm-il darba jahseb li din il-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Huwa opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' min ikun qed jigi nterrogat mill-pulizija huwa fakultattiv, f'sens li dan m'ghandu ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew jirrispondi ghal domandi mposti lilu mill-pulizija. Minn dan jirrizulta l-principju

fondamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja sabiex ikollha valur probatorju.

Illi ma hemmx dubbju li l-istqarrijiet li rrilaxxjaw l-imputati a tempo vegine tal-investigazzjoni saru b'mod spontanju u voluntarju u ghalhekk ma hemm l ebda raguni ghalxiex ghandhom jigu skartati.

Illi ghalhekk u dan kif dejjem gie ritenut, l-oneru tal-prova li tali stqarrija saret voluntarjament, jaqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra. Il-prosekuzzjoni ghandha taghti *prima facie evidence* tal-ezistenza ta' dan ir-rekwizit, li malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarja jigi spustjat ghal fuq l-imputat jew akkuzat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-pre-citati A**rtikolu 658 tal-Kodici Kriminali**. Wara kollox, dan ma hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali, li min qed jallega fatt, irid jippruvah, izda ma jfissirx, ossia m'ghandux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi ppruvat r-reat u n-nexus bejn ir-reat u l-akkuzat, jigi spustjat ghal fuq l-akkuzat, dan dejjem jibqa' fuq il-prosekuzzjoni tul il-process kollu. Izda jekk l-akkuzat, bi sforz, sabiex jiddebolixxi l-prova tal-prosekuzzjoni, jallega certi fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawk il-fatti.

Illi din il-Qorti ghamlet ricerka zghira fil-gurisprudenza lokali taghna sabiex tara jekk Qorti tistax tiskarta stqarrija t'akkuzat, meta mhux

qed jallega li din ittiehdet b'mod illegali izda sussegwentement ghaliex dak li qal ma kienx minnu.

L-awturi **Cross and Williams** fil-ktieb taghhom '***An Outline of the Law of Evidence***' [Edition 1964] jghidu hekk:

*"A confession of guilt in a criminal case is only admissible if it was not made in consequence of a threat, or inducement of a temporal nature relating to the prosecution, made or held out by a person in authority over the prosecution. This is often sumed up by saying that a confession must be 'volontary'. If it is not volontary within the above definition, then it is altogether inadmissible."*

Dan ifisser li biex tkun voluntarja, stqarrija ma tridx tkun giet rilaxxjata mill-imputat/akkuzat minhabba biza' li jista' jsofri xi pregudizzju, jew bit-tama li jikseb xi vantagg, jew minhabba xi forma t'oppressjoni, bhala rizultat t'intervent minn persuna t'awtorita'.

L-awtur klassiku Ingliz, **Archbold**, fil-ktieb tieghu '***Criminal Pleading, Evidence & Practice'*** [36th Edition] fuq is-suggett in materja, jghid hekk:

*"In order to be admissible, a confession must be free and volontary, and unless it be shown affermattively on the part of the prosecution,*

*that it was made without the prisoner being induced to make it by any promise of favour, or by menaces, or induced terror, it shall not be received in evidence against him."*

Illi l-element essenzjali sabiex jigi deciz jekk stqarrija kinetx voluntarja jew le, huwa dak hekk imsejjah '*inducement*'. Ir-raguni tradizzjonali 'l ghaliex stqarrija mehuda b'rizultat ta'dan l-*inducement* tkun wahda inammissibbli li xejn ma hu probabbli li stqarrija rilaxxjata b'rizultat ta' dan r-rekwizit ikollha xi verita' fiha, u in oltre, ir-raguni l-ohra hi b'hekk jigu kalkolati metodi llegali u abbuzivi tal-pulizija waqt il-kors tal-inkjesta.

**L-Artikolu 658 tal-Kap. 9** ma jirrikjedi ebda *caution* jew twissija u inqas <u>ma jista' jinghad li l-persuna suspettata u li qed tigi interrogata ghandha dritt</u> ghal twissija.

Fil-prattika tal-Pulizija u kif dejjem giet ritenuta mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali taghna, it-twissija hija desiderabbli peress li jekk tinghata fit-termini stabbiliti fl'hekk imsejjha Judge's Rules u jekk issir il-prova li tkun hekk inghatat, dik it-twissija tammonta ghall-prova prima facie tal-voluntarjeta' ta' dak li l-akkuzat jew imputat ikun qal. Pero' din il-voluntarjeta' tista' tigi ppruvata minn cirkostanzi ohra.

Issa, f'dan il-kaz, l-imputati ma jallegaw xejn minn dan izda rremettu ruhhom ghall-atti processwali u ghazlu li ma jixhdux viva voce kif del resto kellhom kull dritt li jaghmlu. Ghalhekk il-versjoni tal-fatti kif

spjegata minnhom fl-istqarrija ndividwali taghhom ghandha tinghata il-piz li jixirqilhom.

L-ufficcjal prosekutur kien ha l-istqarrija tal-erbgha mputati u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni u dan wara li nghataw is-solita twissija skond il-ligi u minn ezami tal-istess jirrizulta s-segwenti:-

**Daniel Desmond Borg** fl-istqarrija tieghu esebita a fol. 49 tal-atti u mmarkata bhala dok PSN2 jghid li nhar l-10 ta’ Novembru, 2008 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija kien mar Santa Lucia ghaliex siehbu kien qallu li kienu sejrin xi grupp ta’ zghazagh minn Hal Luqa biex jirrangaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom wara li kien hemm glieda gewwa Paceville il-gimgha ta’ qabel fejn kineu nvvoluti shabu fosthom Graeme, Raymond, Melchior u certu Christian. Jghid li hemmhekk kemm hu kif ukoll huh Daikon qalghu daqqqa b’hadida. Jghid li huwa qala’ daqqa fuq rasu u kien waqa’ mal-art u kien stordut. Wara ftit qam minn mal-art u mar jigri u sab lil Graeme maghruf bhala c-Ciniz u Joseph u huh Daikon u xi tlieta ohra jaghtu tifel daqsxejn ohxon li kien mal-art. Qal li huwa qabad lasta ta’ xkupa u beda jaghti biha u laqat lil dan it tifel ohxon fuq kuxtejh u fuq genbu il-lemini. Jghid li dan it-tifel kien wiccu mal-art u kif dar ra li kellu wiccu miksi bid-demm ghalkemm ma kienx hu li laqtu f’wiccu. Ikkonferma li shab dan it-tifel ohxon kienu telqu jigru waqt li shabu bdew jaghtu lil dan it-tifel. Jghid li fil-fehma tieghu dan it-tifel ma lahaqx maghhom fil-giri peress li huwa ghandu il-piz. Stqarr li

Graeme u Joseph kellhom hadida f idejhom u taw lil dan it-tifel biha flimkien ma' tliet zghazagh ohra minn Rahal Gdid. Waqt li huh Daikon ukoll ta lil dan it-tifel izda minghajr hadida flimkien ma' persuna li ma jafx min kien.

Fi stqarrija ohra rilaxxjata ghaxart ijiem wara l-allegat incident Daniel Desmond Borg ikkonerma li kienu Daikon, Joseph u Graeme li taw lil dan it-tifel u li l-ohrajn ma kienx jaf min huma.

**Graeme Agius** jghid li kien flimkien ma' Daikon, Daniel u Joseph Hal Luqa meta inqala' l-incident mertu tal-kawza odjerna. Jghid li kien hemm persuna li qabdet hadida u tat daqqa biha fuq ras Daikon u Daniel u telaq jigri l'hemm u ghalhekk huma marru jigru wara din il-persuna. Jghid li din il-persuna kienet ma' ohrajn u lkoll telqu l'hemm. Huma lahqu tifel ohxon li kien waqa lura minn ma' shabu u bdew jghatu lilu. Jghid li kif wasal hu hdejh ghaliex kienu shabu li qabduh l-ewwel sab li kellu wiccu bid-demm u huwa kompla jtih b'idejh u b'saqajh. Jghid li sa dak il-hin kien ghadu bil-wieqfa izda wara li qala' id-daqqiet tieghu waqa' mal-art. Jghid li Daniel kellu hadida f'idejh u beda jghati lil dan it-tifel. Daikon ukoll beda jaghti b' idejh. Huwa fil-fatt jammetti li qabad hadida minn mal-art u ukoll tah xi zewg daqqiet fuq zaqqu biha. Imbaghad telqu 'l hemm. Ikkonferma li kienu hu Daniel u Daikon u persuna ohra minn Rahal Gdid li taw lil dan it-tifel.

**Daikon Desmond Borg** jghid li huwa mar ma' shabu Hal Luqa u dan sabiex jipprova jirrangaw is-sitwazzjoni ma' xi zghazagh li shabu kellhom xi jghidu maghhom is-Sibt ta' qabel gewwa Paceville. Jghid li hemmhekk fuq il-post xi hadd tah daqqa fuq sidru b'hadida u telaq jigri ghal warajh u ra lil huh u qallu sabiex jersaq min nofs peress li l-aggessur tieghu kellu hadida. Huh tbaxxa sabiex jevita d-daqqa u qalaghha fuq rasu. Huwa nharaq u kompla jigri wara l-aggressur tieghu. Qal li huwa ma kienx jaf min hu li tah id-daqqa. Fil-frattemp jghid li ghadda minn hdejn tifel li kien qala' xi daqtejn pero' huwa baqa' jigri wara l-aggressur tieghu. Jghid li dar lura u ra persuna taghti daqqa lil dan it-tifel b'xi haga f'idejha. Jghid li ra lil Joseph jaghti lil dan it-tifel. Huwa mar hdejhom u ra lill-persuna maghrufa bhal ic-Ciniz u lil huh jghati lil dan it tifel u sema' lil xi hadd jghid nizluh mal-art. Qal li Joseph kellu hadida f'idejh u beda jaghti bl-addocc. Jghid li huwa ukoll tah daqtejn ta' sieq wahda fuq daru u l-ohra fuq saqajh tah ukoll xi daqqiet ta' ponn f'kuxtejh. Qal li mbaghad telqu l' hemm.

**Joseph Barbara** fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti a fol. 58 immarkata bhala dok PSN 8 jghid li huwa kien mar ma' shabu Hal Luqa ghal xi glieda u appena ra tifel daqxejn ohxon u tikka itwal minnu qabad itih flimkien ma' xi persuni ohra. Jghid li huwa tah bil-ponn u bis-sieq u Daniel tah b'hadida u huh Daikon bl-idejn. Jghid li f'idu kellu hadida izda kien hadhielu Daniel. Jghid li d-daqqiet tahomlu tnejn bis-sieq u l-ohra bil-ponn. Jghid li kien Daikon li tah bil-ponn f'wiccu. Daniel tah bil-hadida kemm f'wiccu kif ukoll fuq dahru waqt li kien la genba.

Illi ghalhekk minn ezami ta’ din ix-xhieda jirrizutla li l-erbgha mputati lkoll hadu sehem f’din il-glieda u lkoll ammettew li aggredew lil dan it-tifel ohxon li wara rrizulta li huwa Yalcin Sammut. Illi minn ezami tac-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 62 immarkat bhala dok PSN 10 u mix-xhieda ta’ Dr Tracy Lee Azzopardi jirrizulta bic-car li effettivament dan it-tifel Yalcin Sammut safa’ vittma ta’ diversi daqqiet u aggressjoni kif spjegat minnha. Jirrizutla ukoll mix-xhieda moghtija minn Dr Mario Scerri li l-feriti li ssubixxa dan Yalcin Sammut huma ta’ natura gravi kif del resto anke kkonferma l-Oftalmologu Dr Franco Mercieca li jghid li dan Sammut illum tilef parti mill-vista tieghu b’mod permanenti. Illi huwa minnu li dak li jghid l- akkuzat m’ ghandu l-ebda validita’ fil-konfront tal-ko akkuzati l-ohra izda bla dubbju ta’ xejn hija konfessjoni li saret fil-konfront ta’ dik l-istess persuna li ghamilha. Tali xhieda fit-totalita’ taghha hija kkonfermata kemm mix-xhieda li ta Yalcin Sammut dwar kif kien gie aggredit kif ukoll mic-certifikati medici esebiti fl-atti.

L-imputati gew akkuzati b’reati ta’ offiza voluntarju skond l-Artikolu 214, 215, u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Illi l-Avukat Generali ghogbu ukoll jakkuza lill-imputati bid-disposizzjoni tal-Artiklu 48 A u cioe’ ta’ assoccjazzjoni li jaghmlu delitt. Jinghad li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall- konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu. Dawk il-konsegwenzi jistghu jkunu gravi [Artikolu 216]

gravissimi [Artikolu 218] jew addirittura l-mewt [Artikolu 220]. Issa fil-kaz de quo jirrizulta li l-erbgha mputati aggredew lill-vittma Yalcin Sammut min bil-ponn, minn b’saqajh u minn b’hadida u ghalhekk ilkoll ghandhom jirrispondu ghal dan l-agir barbaru taghhom.

**Gulio Crivellari** jghid dwar x’hinu l-kriterju essenzjali ta’ dan id-delitt u cioe:

*“Il criterio essenziale del delitto di lesione sta in uno atto materiale, che produce una minorazione ad un uomo del godimento della sua personalita’ senza distruggerla, un dolore fisico, un determinate nel corpo o un disturbo al suo intelletto.”* [Vol VII pg. 860 Codice Penali per il Regno d’Italia – Unione Tipografico Torino 1896].

Huwa necessarju ai finijiet ta’ dan ir-reat li r-reat voluntarju li jigi ppruvat l-‘*animus nocendi*’ jew l-‘*animus lucrandi*’.

Huwa minnu li din l-intenzjoni generika tista’ tikkoezisti ma’ intenzjoni specifika li jikkomprendi kemm l-intenzjoni generika kif ukoll dik specifika, jista’ jkun hemm konkors ta’ reati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Cassar et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 1993 intqal is-segwenti:

*"Biex tigi radikata htija tal-imputat ghall-feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawzaw xi offizi fuq il-persuna tal-ferut, dan huwa konsegwenza tal-fatt li l-ligi tiddistingwi bejn offizi gravi u hfief, mhux a bazi tal-gravita' jew natura tal-azzjoni offensiva li jkun ghazel l-aggressur, izda a bazi biss tal-konsegwenzi attwali rizultanti mill-ferita jew offizi kif prospettati w elenkati fil-Kodici Kriminali. Il-ligi trid principalment tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghall-kontrotempi u dizappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali, u huwa hati ta' reat t'offiza fuq il-persuna kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor u d-distinzjoni bejn feriti hfief u gravi hija utili biss ghad-determinazzjoni tal-piena applikabbli ghall-azzjoni aggressiva."*

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu dwar l-intenzjoni ta' dan r-reat in dezamina jghid:

*"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the general intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which in fact ensues."*

Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz, l-imputati kellhom l-intenzjoni sabiex jikkagunaw hsara fuq il-persuna ta' Yalcin Sammut u ghalhekk ghandhom jinzammu responsabbli ghall-ghemil taghhom u cioe' li voluntarjament ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Yalcin Sammut.

Dwar l-akkuza li kellhom f'idejhom arma rregolari ai termini tal-Artikolu 64 u 65 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif moghtija fl-akkuzi promoturi ma nghatatx fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza.

Dwar il-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika ma hemmx dubju li din l-akkuza tirrizulta fil-konfront tal-imputati kollha.

Dwar il-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati li huma kollha netti salv ghal-fedina penali tal-imputat Graeme Agius fejn ghandu registrat li fis-sena 2008 kien instab hati ta' zewg kontravenzjonijiet ta' natura de minimis u kien gie kkundanat ammenda. Illi ghalhekk dawn l-erbgha mputati ghandhom jigu trattati daqs li kieku huma *a first time offender*. Rat ukoll li fiz-zmein meta sehh dan ir-reat u cioe' fis-sena 2008 l-imputati Graeme Agius, Joseph Barbara u Daikon

Desmond Borg kienu ghadhom minuri. Filwaqt li l-imputat Daniel Desmond Borg kellu tmintax-il sena.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali cioe' l-**Artikoli 17, 31, 48A, 214, 215, 218, 338 (dd) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputati kollha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u qeghda tikkunndanna lill-imputati Graeme Agius, Daikon Desmond Borg u Joseph Barbara ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin filwaqt li fil-konfront tal-imputat Daniel Desmond Borg qed tikkundannah piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda ukoll tikkundanna lill-imputati b'mod individwali sabiex ihallsu l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-espert Dr. Mario Scerri fis-somma ta' euro 164. 56 u dan fi zmien xahrejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna ghalhekk li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid- Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor tali hlas.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------